

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Lejn strateġija koerenti għal Aġenda Ewropea dwar ir-Riċerka Agrikola”

COM(2008) 862 finali

(2010/C 128/20)

Relatur: **is-Sur CHIRIACO**

Nhar il-15 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Lejn strateġija koerenti għal Aġenda Ewropea dwar ir-Riċerka Agrikola

COM(2008) 862 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-13 ta' Ottubru 2009.

Matul l-457 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-4 u l-5 ta' Novembru 2009 (seduta tal-4 ta' Novembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'155 vot favur u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tnedi proċess biex tiżviluppa aġenda futura għar-riċerka agrikola bil-għan li toħloq żona Ewropea ta' riċerka agrikola. Ir-riċerka u l-innovazzjoni f'dan is-settur għandhom jiżjedu⁽¹⁾ sabiex jiġi żgurat li l-provvista tal-prodotti tal-biedja tista' tlaħħaq mat-tendenzi internazzjonali fid-domanda.

1.2. Il-KESE jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni li huwa bbażat fuq testijiet tal-kunċett ta' programmar konġunt li, b'kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet u l-karatteristiċi tal-programmi nazzjonali differenti, l-għan tiegħu huwa li jggarantixxi koordinazzjoni tal-inizjattivi u qsim effettiv u konkret tar-riżorsi fl-UE⁽²⁾. B'mod iktar speċifiku l-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ il-kooperazzjoni mhux biss fil-kuntest tal-ippogrammar tar-riċerka nazzjonali agrikola iżda wkoll finizjattivi oħra tad-Direttorati Ġenerali differenti (eż. id-DG Ambjent, id-DG Agricoltura, id-DG Intrapriżi). Il-KESE għalhekk jappella lill-Kummissjoni sabiex tippovdi iktar informazzjoni dwar l-istrumenti u l-arranġamenti operazzjonali inklużi r-riżorsi finanzjarji għall-inizjattivi proposti f'komunikazzjoni futura li jinvolvu lill-partijiet interessati kollha fi proċess ta' konsultazzjoni u b'kunsiderazzjoni tar-riżultati

tat-testijiet pilota tal-ippogrammar konġunt.

1.3. L-għan tal-ippogrammar konġunt fil-qasam tar-riċerka agrikola huwa li jesplora l-potenzjal tas-soċjetà sabiex tiffaċċja l-isfidi involuti fl-iżvilupp ta' prodotti ta' bażi bijoloġika (biobased commodities) fil-livell tal-UE. Dawn l-isfidi huma relatati mat-tibdil fil-klima, il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u kwistjonijiet tas-sigurtà tal-provvista tal-ikel. Dawn il-kwistjonijiet, anke fid-dawl tar-riżultati tal-workshop dwar l-ippogrammar konġunt fl-agricoltura kienu l-elementi ċentrali tad-diskussjoni u l-analiżi ddetaljata tal-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka Agrikola (SCAR)⁽³⁾ li nġabru fil-qosor fid-dokument dwar il-programmar konġunt (Position paper on Joint Programming) li ġie ppubblikat f'Ġunju 2009. L-ippogrammar konġunt jinvolvi element kbir ta' parteċipazzjoni u sforzi intensivi tal-pajjiżi li qed jieħdu sehem, li jfisser valur miżjud u benefiċċji f'termini ta' impatt għaċ-ċittadini u l-kompetittività Ewropea. Għalhekk anki f'dan l-istadju, il-KESE jipproponi l-iżvilupp ta' mekkaniżmi adegwati li jiżguraw il-partiċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha, inkluż tas-settur privat u b'mod partikolari tan-negozji, prinċipalment fl-identifikazzjoni tal-għanijiet tar-riċerka, l-istima tar-riżorsi meħtieġa u l-identifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji għat-tħaddim tas-sistema sabiex b'hekk jiġi żgurat aċċess effettiv għall-finanzi. Il-KESE jirakkomanda b'mod partikolari li l-Kummissjoni u l-Kunsill jieħdu passi sabiex ifasslu proposta għal regolament li jiffirma l-baży legali għall-organizzazzjoni u t-tħaddim tal-iSCAR il-ġdid, b'konformità mal-proċess politiku li tnedia fl-2004 u li dan jieħu post ir-Regolament (KEE) Nru 1728/74.

⁽¹⁾ NAT/437– CESE 1704/2009, 4.11.2009.

⁽²⁾ ĠU C 228, 22.9.2009, p. 56.

⁽³⁾ Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 1728/74.

1.4. Skont il-mudell tal-gvernanza ġdida li proponiet il-Kummissjoni, il-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka Agrikola ser jaqdi rwol ta' koordinazzjoni fil-promozzjoni ta' inizjattivi konġunti fil-livell tal-UE u fl-immappjar tal-kompetenzi tal-programmi ta' riċerka li jiġu promossi. Il-KESE jemmen li l-iSCAR għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' flessibilità fundamentali sabiex jakkumpanja r-riformi li diġà ġew implimentati ⁽⁴⁾ jew li għandhom jiġu implimentati fil-qafas regolatorju li kontinwament jevolvi tal-Politika Agrikola Komuni.

1.5. Fil-kuntest tal-ippogrammar konġunt, il-proċess tat-tbassir u analiżi huwa marbut mill-qrib mal-proċess tal-immappjar li billi jipprovdi figuri u statistiki importanti dwar il-limiti, it-tendenzi u l-bżonnijiet tal-organizzazzjoni tar-riċerka agrikola fil-livell nazzjonali, jikkontribwixxi f'ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi fir-riċerka agrikola fl-UE. S'issa din it-tip ta' informazzjoni ġiet provduta mill-proġett EU-AGRI-MAPPING, inizjattiva tas-6 Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka. Il-KESE, b'kunsiderazzjoni tad-diffikultajiet li ġew iffaċċjati matul dan il-proġett, jemmen li l-immappjar m'għandux ikun ibbażat fuq inizjattivi ad hoc iżda fuq proċess kontinwu u aġġornat fuq bażi regolari.

2. Sinteżi tal-komunikazzjoni

2.1. Kuntest ġdid għar-riċerka agrikola fl-Ewropa

2.1.1. L-agrikoltura Ewropea qed tiffaċċja sfidi ġodda bħal bidla fid-demografija u l-istruttura tal-biedja, l-impatt ta' Prattiki tal-biedja ġodda fuq l-impjeg, il-bidliet fil-Politika Agrikola Komuni (PAK) u fatturi globali li jolqtu lis-settur.

2.1.2. Sabiex niffaċċjaw dawn l-isfidi b'mod pożittiv, huwa magħruf b'mod wiesa' li hemm bżonn ta' żona b'saħħha ta' riċerka agrikola fl-Ewropa. Ir-riċerka agrikola għandha ttiprovdi l-għarfien li hemm bżonn għal fehim sħiħ tal-iżvilupp rurali, il-muturi u l-impedimenti tas-sostenibilità u għandha ttiprovdi t-teknoloġiji l-ġodda u l-innovazzjoni li hemm bżonn għall-iżvilupp tas-settur agrikolu. Hija għandha tiffaċilita l-akkwist tal-għarfien sabiex ittejjeb fost affarijiet oħra l-fehim tagħna tad-dinamika tas-suq. Madanakollu, l-isforzi fir-riċerka ħafna drabi jibqgħu frammentati u kkoordinati b'mod dgħajef. Hemm nuqqas ta' investiment u ta' massa kritika. Fl-Ewropa, jeżistu bosta mekkaniżmi, b'mod partikolari fi ħdan il-Programm Qafas tal-UE, li jippromovu l-kollaborazzjoni pan-Ewropea bejn ir-riċerkaturi. B'rabta ma' dan, l-iskema ERA-NET ttiprovdi l-fondi għan-netwerking tal-programmi nazzjonali, il-ministeri jew l-aġenziji tal-fondi fis-setturi xjentifiċi. Il-Kunsill tal-UE (f'Novembru 2004) qabel li l-kollaborazzjoni f'dan il-qasam tista' tibbenefika minn approċċ iktar strutturat. L-ippogrammar konġunt li tfassal reċentement imur lil hinn mill-iskema ERA-NET u jirrikjedi l-kooperazzjoni diretta tal-programmi pubbliċi tal-Istati Membri

⁽⁴⁾ Regolament (KE) Nru 72/2009, Regolament (KE) Nru 73/2009, Regolament (KE) Nru 74/2009 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/61/KE tad-19.1.2009.

sabiex jiffasslu viżjonijiet komuni, aġendi strateġiċi ta' riċerka u l-qsim tar-riżorsi biex b'hekk jiġu indirizzati żoni speċifiċi flimkien. L-iSCAR issemma' bħala eżempju tajjeb ta' struttura possibbli ta' netwerk fi kwalunkwe proċess ġdid ta' programmar konġunt.

2.2. Ir-rwol ta' tmexxija tal-Kumitat SCAR

2.2.1. Wara diversi snin li fihom ma kienx attiv, fl-2005 l-iSCAR ingħata mandat imġedded mill-Kunsill tal-UE biex ikollu rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-isforzi tar-riċerka agrikola fl-Ewropa. L-iSCAR il-ġdid huwa magħmul mis-27 Stat Membru tal-UE, b'rappreżentanti mill-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi assoċjati bħala osservaturi. L-inizjattivi li jippromovi l-iSCAR għal żona Ewropea ta' riċerka agrikola jinkludu, flimkien mal-ippogrammar konġunt, proċess ta' tbassir sabiex jiġu identifikati x-xenarji potenzjali fuq perijodu fit-tul għall-agrikoltura Ewropea u proċess ta' immappjar li jidentifika l-bżonnijiet u t-tendenzi għar-riċerka agrikola fl-UE.

2.2.2. L-iSCAR adotta approċċ strutturat fil-konfront tal-prijoritizzazzjoni tas-suġġetti ta' riċerka bil-għan li fil-futur ikun hemm iktar kollaborazzjoni, billi stabbilixxa għadd ta' Gruppi Kollaborattivi ta' Ħidma tal-Istati Kandidati/Assoċjati (CWGs). Is-CWGs jaħdmu b'mod simili ħafna għall-ERA-NETs, billi jsegwu l-istess approċċ pass pass, jiġifieri waqt l-istadji bikrija jiffukaw fuq l-iskambju tal-informazzjoni, jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-riċerka u ż-żoni ta' prijorità għall-kollaborazzjoni u, fejn hemm bżonn, iniedu attivitajiet konġunti u/jew sejħiet komuni ta' riċerka.

2.3. Azzjonijiet ewlenin lejn Aġenda Ewropea dwar ir-Riċerka Agrikola koerenti

2.3.1. Hemm bżonn urġenti li niksbu għarfien ħafna aħjar tal-forzi li fuqhom huma msejsa l-proċessi tat-tibdil fil-klima sabiex innaqqsu l-impatt ħażin u sabiex niproteġu l-baży tar-riżorsi tal-ħamrija, l-ilma u l-bijodiversità bil-għan li nappoġġjaw u nippromovu agrikoltura iktar sostenibbli fl-Ewropa u fil-kuntest globali. L-oqsma prijoritarji ta' riċerka f'dan il-kuntest huma t-tibdil fil-klima u r-riżorsi tal-enerġija.

2.3.2. Ir-riċerka tista' taqdi rwol iktar b'saħħtu jekk l-atturi differenti jkunu integrati aħjar fit-tfassil tal-aġenda u jsiru parti mill-proċess ta' riċerka permezz ta' azzjonijiet bħan-netwerks ta' innovazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk beħsiebha ssaħħaħ il-produttjoni u l-qsim tal-għarfien agrikolu permezz tal-iSCAR u n-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ⁽⁵⁾. Sabiex jissaħħaħ l-ippogrammar konġunt tar-riċerka għal gvernanza mtejbja tas-sistema agroalimentari Ewropea, ir-rwol strateġiku tal-iSCAR jista' jkompli jissaħħaħ sabiex dan isir korp strateġiku ta' sorveljanza li jsegwi d-diversi sforzi li għandhom x'jaqsmu mal-agrikoltura li jsiru mill-entitajiet Ewropej kollha ta' riċerka pubblika.

⁽⁵⁾ Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

2.3.3. Sabiex jiġu implimentati aġendi fuq perijodi fit-tul li huma bbażati fuq viżjonijiet u għanijiet komuni hemm bżonn niżviluppaw mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jinkludi bosta strumenti ta' analiżi tat-tbassir u l-immappjar tal-kapaċitajiet fil-qasam tar-riċerka.

2.3.4. Ir-responsabbiltajiet tal-Ewropa f'dinja globalizzata ma jistgħux jiġu injorati: is-sostenibbiltà agrikola qed issir kwistjoni li se jkollha kemm effett dirett (eż. permezz tal-prezzijiet tal-ikel) kif ukoll effett indirett (eż. permezz tal-migrazzjoni) fl-UE, kif ukoll fuq ir-reġjuni kollha tad-dinja. Għalhekk hemm bżonn li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-politiki fil-qasam tar-riċerka agrikola fl-Ewropa u lil hinn minnha u b'mod partikolari li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-politiki ta' riċerka tal-UE u l-Istati Membri minn naħa u tal-politiki esterni bħall-għajnuna għall-iżvilupp u l-politika tal-vcinat min-naħa l-oħra.

3. Kummmenti ġenerali

3.1. Kuntest ġdid għar-riċerka agrikola fl-Ewropa

3.1.1. Ir-rwol u l-funzjonijiet tal-agrikoltura fl-Ewropa inbidlu matul dawn l-aħħar ħamsin sena, u jirriflettu l-bidliet li ħallew marka fuq is-soċjetà u l-ekonomija Ewropea u li laqtu liċ-ċittadini u l-konsumaturi tant li l-agrikoltura minn rurali saret post-industrijali. Konsegwentement issa saret opinjoni stabbilita li s-settur tal-biedja, b'konformità mal-Mudell Agrikolu Ewropew, għandu jitqies f'termini multifunzjonali u agroterritorjali, jiġifieri mhux f'termini ta' produzzjoni biss. Dan il-kriterju għandu japplika wkoll għad-definizzjoni tar-riċerka agrikola. Fi kwalunkwe każ dan jikkonferma r-rwol primarju tal-produzzjoni agrikola li kompli jiġi enfasizzat minħabba l-kriżi internazzjonali fl-ikel. Il-kompetittività tal-ikel u s-sigurtà tal-provvista mistennija jsiru sfidi fil-futur qarib.

3.1.2. F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' l-approċċ li ttieħed sabiex tiġi stabbilita definizzjoni usa' tar-riċerka agrikola li tirrifletti l-isfidi li qed tiffaċċja l-agrikoltura Ewropea inkluż b'mod partikolari l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli minn sorsi agrikoli, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma, il-promozzjoni tal-ICT u l-kwalità tal-produzzjoni.

3.2. Lejn aġendi komuni ta' riċerka

3.2.1. Il-komunikazzjoni tuża l-kunċett reċenti ta' programmar konġunt⁽⁶⁾ bħala approċċ ġdid lejn ir-riċerka agrikola bil-għan li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi finanzjarji limitati permezz ta' kollaborazzjoni mtejba. L-ipprogrammar konġunt bħalissa qiegħed jiġi eżaminat permezz ta' proġett pilota dwar il-marda tal-Alzheimer. Il-Kunsill ukoll mistenni li jadotta inizjattivi oħra f'setturi

prinċipali tar-riċerka sal-2010 u fejn ikun hemm riżultati pożittivi, l-ipprogrammar konġunt jista' jkollu impatt deċisiv fuq il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni għar-riċerka futura fil-livell Ewropew.

3.2.2. L-ipprogrammar konġunt jinvolvi lill-Istati Membri b'mod volontarju u fuq bażi ta' ġeometrija varjabbli fid-definizzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' aġendi tar-riċerka strateġiċi u bbażati fuq viżjoni komuni dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin. Il-kunċett jista' jinkludi kooperazzjoni strateġika bejn il-programmi nazzjonali li jeżistu jew l-ippjanar u l-implimentazzjoni konġunti ta' programmi kompletament ġodda. Fiż-żewġ każijiet l-għan ikun il-qsim tar-riżorsi, l-għażla u l-iżvilupp tal-iktar strumenti adegwati, l-implimentazzjoni tagħhom, il-monitoraġġ kollettiv u r-reviżjoni tal-progress.

3.2.3. Fid-dawl tal-fatt li ħafna drabi l-isforzi fir-riċerka agrikola jsiru b'mod frammentat u koordinat ħażin, u li hemm nuqqas ta' investiment, ta' disseminazzjoni, ta' komunikazzjoni mmirata tar-riżultati u ta' massa kritika, il-KESE jilqa' l-approċċ tal-ipprogrammar konġunt u jqisu għan ambizzjuż li flimkien ma' approċċ pragmatiku u flessibbli jista' jniedi proċess strateġiku u strutturat tar-riċerka agrikola.

3.3. Ir-rwol ta' tmexxija tal-Kumitat SCAR

3.3.1. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż magħha jipprovdu deskrizzjoni dettaljata tal-analiżi, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-funzjonijiet ta' konsultazzjoni kif ukoll il-metodi ta' ħidma organizzattivi u operazzjonali tal-iSCAR, b'konformità mal-linji gwida tal-Kunsill tal-Agrikoltura tad-19 ta' Lulju 2004. B'mod iktar speċifiku, l-iSCAR ser ikun responsabbli mill-monitoraġġ tal-inizjattivi nazzjonali ta' riċerka fis-settur agroalimentari, mill-koordinazzjoni tal-attivitajiet fil-livell Komunitarju u mit-twaqqif ta' tbassir raġonevoli għall-iżvilupp fuq perijodu fit-tul tal-prijoritajiet ta' riċerka f'dan is-settur.

3.3.2. Il-KESE jikkunsidra li l-koordinazzjoni fil-livell Komunitarju hija kruċjali sabiex jiġu indirizzati l-isfidi komuni, tiġi kkomunikata vuċi waħda fil-fora internazzjonali, jiġi evitat xogħol doppju, ikomplu jiġu żviluppanti l-programmi u tiżdied il-kompetizzjoni sabiex jinkisbu l-fondi u b'hekk titjieb il-kwalità tal-proposti ta' riċerka. Jeħtieġ li nżommu f'moħħna madanakollu li s-sitwazzjoni tar-riċerka hija differenti ħafna f'kull Stat Membru u li l-ipprogrammar nazzjonali għandu jqis il-prijoritajiet u l-bżonnijiet speċifiċi fejn il-kooperazzjoni fuq livell Ewropew mhux dejjem ser tigarantixxi benefiċċji ta' skala jew ambitu sinifikanti. Għalhekk l-iSCAR għandu jiġi pprovdut bl-istrumenti li permezz tagħhom ikun jista' jiżura l-ġestjoni ta' proċess ta' monitoraġġ kontinwu u aġġornat.

(6) ĠU C 228, 22.9.2009, p. 56.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Fost l-azzjonijiet prinċipali sabiex tinholq Żona Ewropea ta' Riċerka Agrikola, il-komunikazzjoni tinkludi t-tnaqqis tal-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima, is-salvagwardja tar-riżorsi tal-ilma u l-ħamrija u l-protezzjoni tal-bijodiversità. Il-KESE jemmen li l-impatt soċjali għandu jitqies ukoll hekk kif ġie enfazzjat fl-2008, Frapport tal-FAO intitolat "Gender and Equity Issues in Liquid Biofuels Production" (mhux disponibbli bil-Malti), li jkopri r-rabtiet ġenerali bejn in-negozji, l-impjeg u r-reġjuni.

4.2. Il-prijoritajiet il-ġodda tal-Aġenda dwar ir-Riċerka Agrikola futura għandhom jirriflettu, flimkien mal-bidla fil-klima u l-kwistjonijiet tal-enerġija relatati mal-agrikoltura, l-isforzi favur il-preservazzjoni tal-bijodiversità, l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma, l-evalwazzjonijiet tal-impatt tal-kultivazzjoni u l-marketing tal-prodotti tal-GMO fuq l-ambjent u saħħet il-bniedem, kwistjonijiet relatati mas-settur agroalimentari, b'referenza speċjali għall-istadju tal-ipproċessar u l-bijoteknoloġiji u l-innovazzjonijiet kollha li jistgħu jintużaw sabiex nittrattaw il-kwistjonijiet li ser iġibu magħhom sfidi ġodda hekk kif ġibdet l-attenzjoni l-evalwazzjoni tal-istat tal-PAK (Novembru 2008).

4.3. Ir-riċerka tista' taqdi rwol iktar b'saħħtu jekk l-atturi differenti jkunu integrati aħjar fit-tfassil tal-aġenda u jsiru parti mill-proċess ta' riċerka. Huwa importanti b'mod partikolari li jiġu

involuti n-negozji, speċjalment l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, fil-proċess ta' identifikazzjoni tal-għanijiet ta' riċerka bbażati fuq il-bżonnijiet tal-intrapriżi stess u li nippromovu r-riċerka applikata u t-trasferiment teknoloġiku billi niżguraw aċċess effettiv għall-fondi. Konsegwentement il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jissaħħu r-rabtiet bejn l-għarfien u l-innovazzjoni sabiex jinstab bilanċ bejn l-interessi tal-intrapriżi u tal-individwi u jappella lill-Kummissjoni sabiex iżżid il-programmi ta' taħriġ adegwat għal dan il-għan.

4.4. Fir-rigward tan-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (7), iktar milli nintroduċu miżuri speċifiċi, li jistgħu jqajmu problemi ta' koordinazzjoni mal-funzjonijiet regolatorji tan-netwerk, għandhom jiġu pprovduti inċentivi għall-iskambju tal-aqwa Prattika. In-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-pjattaformi teknoloġiċi Ewropej u strumenti oħra ta' skambju tal-għarfien huma soluzzjoni strateġika għall-iskambju u l-iżvilupp ta' ideat vijabbli, informazzjoni affidabbli u esperjenza Prattika fl-Ewropa kollha biex b'hekk il-produzzjoni u l-iskambju tal-għarfien jiġu strutturati u msaħħa.

4.5. Sabiex ir-riċerka Ewropea tkun tista' tidħol f'netwerk ta' riċerka internazzjonali, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jeħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi adegwati li jistgħu jiżguraw l-effikaċja u l-effiċjenza tal-inizjattivi li qed jiġu promossi b'mod partikolari billi tingħata spinta l-kapaċità tal-gvernanza lokali u tittejjeb il-kwalità tar-riżorsi umani rilevanti.

Brussell, 4 ta' Novembru 2009.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

(7) Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.